23 ta' April 2014

Is-Sur Reno Bugeja
Manager tal-Aħbarijiet u Ġrajjiet Kurrenti
Public Broadcasting Services
75, Triq San Luqa,
Gwardamanġa, Tal-Pietà

Sur Bugeja,

Qiegħed formalment nilmenta miegħek bħala Editur u Kap tat-Taqsima tal-Aħbarijiet tal-PBS għad-deċiżjoni tiegħek li għat-tieni ġurnata konsekuttiva ma tibgħatx ġurnalist biex jirrapporta attività relatata mal-kampanja elettorali tal-Partit Nazzjonalista.

Filwaqt li lbieraħ il-kamra tal-aħbarijiet li tmexxi inti ma attendietx għaż-żjara li għamel il-Kap tal-Partit Nazzjonalista lill-kumpanija Attard & Co, dalgħodu ddeċidejt ukoll li ma tibgħatx ġurnalist biex jirrapporta l-konferenza tal-aħbarijiet mogħtija mis-Segretarju Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista Chris Said, li matulha tħabbru numru ta' punti ta' politika relatati max-xogħol u l-ekonomija f'Għawdex.

Id-deċiżjoni li tinjora attivitajiet u konferenzi tal-aħbarijiet organizzati mill-Partit Nazzjonalista mhi xejn għajr ċensura inaċċettabbli tal-Partit Nazzjonalista waqt kampanja elettorali. F'dan id-dawl, qiegħed nitolbok spjegazzjoni għal din id-deċiżjoni tiegħek, li qed toħloq żbilanċ ċar kontra l-Partit Nazzjonalista, biex niddeċiedi jekk għandix nipproċedi bl-ilment tiegħi quddiem l-Awtorità tax-Xandir.

Inselli għalik,

David Herrera
Direttur Informazzjoni

Kopja: Is-Sur Pierre Cassar – Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tax-Xandir –
7, Triq Mile End, Il-Ħamrun

**Partit Nazzjonalista**
Triq Herbert Ganado, Pietà PTA 1450, Malta • Tel: +356 2124 3641 • Fax: +356 2124 3640 • Email: pn@pn.org.mt
Member of the European People's Party • Member of the Christian Democrat International • Member of the International Democrat Union
*www.pn.org.mt*